MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 810/2013

**Artikoli 261 (c) u (e), 267, 269, 279(b), 280 u 334 tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**NIGEL BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NIGEL BORG** ta' 23 sena, iben William u Anna nee' Meilak, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Gunju, 1989 u residenti 50 'Thanks God', Triq il-Hbit mill-Ajru, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 277389(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli, matul il-perjodu ta' qabel it-3 ta' Gunju, 2013 f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' Fork Lifter tal-ghamla Caterpillar liema serq, li sar ghad-detriment ta' Adoloph Baldacchino minn Haz-Zabbar, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 2329.37; u bil-lok

U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Fork Lifter tal-ghamla Caterpillar li liema oggetti

gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 2329.37.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat mmarkata bhala Dok. FS1 a fol. 5, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. FS2 a fol. 6, stqarrija mmarkata bhala Dok. FS3 a fol. 7 et seq., Dikjarazzjoni ta’ Rifjut tal-Jedd ghall-Parir Legali mmarkata bhala Dok. FS4 a fol. 10, okkorrenza mmarkata bhala Dok. FS5 a fol. 11 et seq. u zewg dikjarazzjonijiet immarkati bhala Dok. FS6 u FS7 a fol. 15 u 16 tal-Process.

Illi nhar id-29 ta’ Ottubru, 2013 xehdet **WPS 261 Donna Frendo** u spjegat li nhar it-tlieta (3) ta' Gunju, elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tad-disgha (9:00) kienu marru jirraportaw gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar certu Mario Cutajar flimkien ma' Adolf Baldacchino. Mario Cutajar kien stqarr li huwa l-mekkanik ta' Adolf Baldacchino u li dan kien tah Fork Lifter biex isewwieh, izda ma sabux, gie nieqes. Hija kienet nizlet fuq il-post Ta' Maggi, Triq San Anard limiti tax-Xaqqa, Haz-Zabbar fejn il-mekkanik, jigifieri Mario Cutajar kien uriha l-post fejn kien dan il-Fork Lifter qabel ma’ ittiehed minn postu li kien faccata tal-garaxx tieghu ghax hu kien qed isewwieh u kien qed jahdem fuqu. Mario kien stqarr li meta kien sewwilu, kellu xi haga fl-i*steering* sewwijulu u kien minghalih li rega' hadu Adolf, jigifieri sid il-Fork Lifter. Izda dan kien irrizulta li meta kien ghamel kuntatt Adolf mieghu, qallu li nsteraq.

Meta nizlet fuq il-post kien hemm Adolf ukoll maghha u Adolf kellu nformazzjoni li dan il-fork lifter kien qieghed ghand certu Emanuel. Hija kienet cemplet lil dan Emanuel u staqsietu dwar il-Fork Lifter u qal li mhux qieghed ghandu. Regghet marret lura l-Ghassa u ccekjat is-CCTV's li kien hemm fl-akkwati. Hija nfurmat lill-Ispettur u bdiet taghmel l-investigazzjonijiet taghha. Wara ftit rega' mar Adolf lura l-Ghassa u qalilha li kien sab il-Fork Lifter. Staqsietu fejn kien u qalilha li qieghed ghand wiehed il-Kalkara. Sadanittant dawn marru kollha l-Ghassa, jigifieri Adolf, Mario l-mekkanik, Emanuel u kif ukoll Nigel Borg li gharfet fl-Awla.

Hija tat lil Nigel Borg id-dritt tal-avukat u s-soltu twissija fejn hu ma talabx ghad-dritt tieghu li jkellem avukat u ghalhekk staqsietu rigward dan il-Fork Lifter u kien qalilha li kien qieghed ghandu. Spjega li kien iltaqa' ma' certu Emanuel u dan qallu sabiex imur jiehu xi hadid li kien hemm u l-fork u qallu aqbad u hudu u qattghu. Hija nfurmat lill-Ispettur taghha b'dak li kien gara u dan taha ordni biex tinzel l-ghassa b'Nigel Borg, kif ukoll b'Emanuel Busuttil fejn dawn gew mitkellma fil-prezenza taghha fl-Ufficcju tal-Ispettur.

In kontro ezami ikkonfermat li kien irrizultaha li kien l-imputat li ha l-Fork Lifter minn quddiem il-garaxx tal-mekkanik. Ix-xhud spjegat li rrizultalha li Emanuel kien ta struzzjonijiet lil Nigel Borg biex hu jmur jigbor il-hadid li kien hemm flimkien mal-fork lifter. Qalet li hija kienet

rat xi ritratti u spjegat li rat li kien hemm qisu garaxx b'xeba' hadid, u dan il-Fork Lifter kien faccata. Stqarret ukoll li dan Emanuel kien qal lil Nigel Borg sabiex inizzel il-hadid u l-fork lifter l-Kalkara fejn effettivament instab il-Fork Lifter. Mistoqsija jekk il-Fork Lifter kellux pjanci fuqu jew le x-xhud qalet li sa fejn tiftakar ma kellux pjanci. Spjegat li minghaliha l-fork lifter ma kienx fit-triq kien f'Ta' Maggi speci ta' *Industrial Estate*. Qalet li biex tidhol f'Ta Maggi trid tidhol minn go garaxx imbaghad hemm hafna garaxxijiet ohra jigifieri m'huwiex barra fil-pubbliku huwa fil- privat. Il-Prosekutur staqsa jekk hux minn hemmhekk ittiehed il-Fork Lifter u cioe' mill-Industrial Estate u x-xhud spjegat li iva. Qalet li in segwitu marret il-Kalkara u hemmhekk fil-garaxx ta' Nigel Borg instab il-fork lifter. Kif ingarr minn go Haz-Zabbar ghall-Kalkara hija ma tafx.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2013 xehed l-**Ispettur Frankie Sammut** u spjega li nhar it-tlieta (3) ta' Gunju, elfejn u tlettax (2013) gie nfurmat mis-Surgenta WPC261 Donna Frendo li kien insteraq Fork Lifter li jappartjeni lil certu Adolf Baldacchino detentur tal-karta tal-identita' numru 339973(M). Huwa baghat lis-Surgenta ticcekja fil-post fejn insteraq il-Lifter fejn is-Surgenta WPC261 kellha nformazzjoni minghand Adolf Baldacchino li dan il-Fork Lifter seta' hadu certu Emanuel Busuttil detentur tal-karta tal-identita' numru 569584(M). Huwa baghat ghall-partijiet kollha l-Ghassa biex jara x'sar minnu l-Fork Lifter u sakemm baghat ghal kulhadd l-Ghassa cemplitlu s-Surgenta WPC261 fejn infurmatu li skond Adolf Baldacchino l-Fork Lifter kien ghand certu wiehed Nigel Borg l-imputat prezenti fl-awla.

Huwa pprova jifhem l-istorja u dahhal il-partijiet kollha hemmhekk izda ma setghux jifthemu u beda jkellem parti, parti, wahedhom. Huwa kellem lis-Sur Nigel Borg, tah id-dritt tal-Avukat fejn dan irrifjuta li jkellem l-Avukat. Huwa kien ta d-dritt tal-Avukat lil Nigel Borg li qieghda mmarkata Dok. FS4. Nigel Borg hadlu Stqarrija wkoll dakinhar stess ghall-habta tal-hamsa (5:00) fl-ufficcju tieghu nhar it-tlieta (3) ta’ Gunju, elfejn u tlettax (2013). Jghid li meta kellem lil Nigel Borg dan kien qallu li jahdem bhala *sprayer* f’garaxx u ghandu l-imghallem tieghu jismu certu Francois Saliba. Spjega ulterjorment li dan Saliba kien gie avvicinat minn certu Manuel Busuttil u dan qallu li ghandu xi materjal gol-garaxx tieghu biex jekk jafx lil xi hadd biex ikun jista’ jehodlu l-hadid minn go fih. Dan Francois kien jaf li Nigel Borg igorr il-hadid biex ikun jista’ jbieghu u qal lil Nigel biex ikun jista’ jiehu dan il-hadid u Nigel accetta dan l-inkarigu. Meta kellem il-Adolf Baldacchino, Adolf Baldacchino kien qallu li dan kellu kwistjoni ma’ Manuel Busuttil ghax kien jikri garaxx. Il-garaxx jappartjeni lil Manuel Busuttil fejn kien hemm il-hadid u speci Adolf ma kienx se jibqa’ jhallas il-kera u Manuel Busuttil ippretenda li dan il-hadid jinhareg minn hemmhekk biex ikun jista’ jikrih lill-terzi persuni ohra peress li kien waqqaf il-kera.

Is-Surgenta ppruvat tinvestiga tara dan il-Fork Lifter jekk ittihidx jew ghamlux xi haga bih u meta kellmet lil Manuel Busuttil dan qallha li speci ma jafx bih u ma kienx rah. Mill-informazzjoni li kellhom kienu giethom nformazzjoni li l-Fork Lifter seta’ kien ghand Nigel Borg,

marru fuq il-post fejn sabuh fil-pussess ta' Nigel Borg fejn kienu hargu ricevuta mmarkata Dok. FS6 bil-firma ta' Nigel Borg u ta' WPC261 Frendo fejn il-Fork Lifter ittiehed mill-pussess ta' Nigel Borg. Aktar tard dan gie mghoddi lill-Pulizija u aktar tard gie mghoddi lil sidu proprja Adolf Baldacchino. Qed jara dokument iffirmat Dok. FS7 fejn il-Fork Lifter inghadda lura lil sidu mmedjatament.

Meta kellem lil Nigel Borg dan qallu li kien ha dan il-*job* biex speci jmur igorr xi hadid. Kien qallu wkoll li kellu jaghmel iktar minn vjagg wiehed biex igorr l-ammont ta' hadid li kien hemm hemmhekk u prattikament kellu bzonn jghabbi xi kaxxa tqila. Skond ma' qallu Nigel Borg kien hemm Fork Lifter li kien qieghed fin-nofs ta' din l-Industrial Area u Manuel Busuttil qallu isma' jekk trid ukoll tista' tiehdu wkoll dan il-Fork Lifter u qallu:- *"u ghamel li z.... trid bih tista' tqattghu ghall-hadid"*.

Huwa rrizultalu li ma kellhomx cavetta biex iqabbdu l-Fork Lifter u bdew jippruvaw iqabdu l-*wires*. Manuel Busuttil qal lil Nigel Borg li kellhom bzonn *battery* kbira ghax ma jistax iqabbad. Nigel Borg qala' l-*battery* minn fuq il-vann tieghu u qabduha ma' dan il-Fork Lifter, Manuel Busuttil qabbad il-*wires* u dan telaq bih ukoll skond ma qallu s-Sur Manuel Busuttil. Meta staqsa lil Nigel Borg jekk kienx jaf li l-Fork Lifter kienx tal-Maniklu qallu li ma kienx jaf imma peress li kien qallu aqbad u hudu dan haseb li hu tieghu. Ix-xhud fhemu li dawn l-affarijiet seta' hasibhom qabel ghax peress li l-fork lifter ma kellux

cavetta biex jistartja seta' jissuponi li l-Fork Lifter ma kienx tieghu. Huwa kien spjegajlu dawn l-affarijiet u Borg qallu li haseb li kien ta' Manuel Busuttil.

Fil-fatt meta kien kellmu lil Manuel Busuttil, dan ikkonfermalu li kien hu li qal lil Borg biex jiehu l-fork lifter pero' li ma kienx hu li startja l-fork lifter izda l-imputat. Il-*wires* qabbadhom Manuel Busuttil u s-Sur Nigel Borg telaq 'l hemm bil-Fork Lifter biex jiehdu fil-proprjeta' tieghu. Pero' spjega wkoll li meta' marru ghand is-Sur Nigel Borg kien kellmu Adolf mill-ewwel u qallu, li l-Fork Lifter qieghed ghandu u li Nigel Borg ma kienx jaf li l-Fork Lifter kien ta' Adolf Baldacchino.

Illi nhar id-29 ta' Ottubru, 2013 xehed **Francois Saliba** u spjega li kien baghat ghalih l-ufficcjal investigattiv u qallu li kien mar ghandu sid il-Lifter Adolph u dan irraporta li kien haseb li nsteraqlu l-Lifter. Mitlub jispjega x'kien gara qal li kien mar ifittxu sid il-garaxx u qallu jekk kienx jaf persuna li setghet iggorr il-hadid li kellha. Huwa dak il-hin kien issugerixxa lil-lavrant tieghu Nigel Borg li gieli jarmi xi hadid u dan staqsih jekk kienx ser ikun lest li jarmilu dan il-hadid li kellu. Huwa wiegbu li kien ikun lest li jaghmel din l-bicca xoghol u qallu li jaf jigi darba l-Hadd. Qallu *all right* u qallu li l-bieb tal-garaxx kien miftuh u seta' jmur jaqbad u jiehu l-affarijiet. Huwa mbaghad irraporta lill-imputat dak li kien talbu l-Maniklu. Mistoqsi jekk jaghrafx lil Nigel Borg ix-xhud qal iva ghax jahdem mieghu. Mistoqsi kif kien involut f'din il-kwistjoni qal li kien hu li qal lil Nigel Borg biex imur jarmi l-

hadid hu. Mistoqsi x'ghamlu bil-Fork Lifter jekk hallewhx fejn kien jew haduhx maghhom wiegeb li sa fejn jaf hu kienu haduh. Huwa spjega li kien il-persuna li qabbad lil Nigel Borg biex jaghmel din il-bicca xoghol ghal Manuel Busuttil.

Ix-xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi min kien semmielu l-Fork Lifter l-ewwel darba jekk hux Adolph u wiegeb li iva li kien Adolph u qal li ma kien jaf xejn dwar is-serqa.

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2013 xehed **Adolph Baldacchino** u spjega li xoghlu u ta' *recyclers* tal-metall, *scrap dealer*. Gie mitlub jispjega ghalfejn kien mar ghand il-Pulizija u spjega li huma kienu qeghdin f'Ta' Maggi Haz-Zabbar u minn Ta' Maggi marru gol-Industrial Estate tal-Marsa u hallew lifter u zewg (2) pjanci barra, quddiem il-garaxx ghax dan kien f'dik il-gimgha li kienu qeghdin igorru minn go *site* ghal go ohra. U dan il-lifter hallewh ghax kien qieghed ghand Mario l-mekkanik u mar Mario f'xi s-sitta u nofs ta' filghodu (6:30am) il-bitha il-gdida u qalilhom li l-lifter ma kienx ghadu hemm. Qal li mar hemmhekk u veru l-lifter ma sabux, u mar l-Ghassa ghax Mario qallu biex imur jaghmel rapport l-Ghassa. Hemmhekk sab is-Surgenta u s-Surgenta marret fuq il-post taghmel l-investigazzjoni taghha. Sakemm bdiet tfittex huwa beda jdur naqra gol-garaxxi u, kkonferma li dan il-fork lifter kien  jiswa elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) xi tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500). Jghid li f'daqqa wahda sar jaf li, xi hadd qallu li l-lifter qieghed il-Kalkara. Mistoqsi jekk kellux xi

garaxxijiet jghid li kellu tlieta li tnejn minnhom mikrija lil Alex tas-Summer Nights u garaxx iehor mikri lil Emanuel Busuttil. Qal li huwa kien staqsa lil Emanuel Busuttil jekk kienx hadlu l-lifter izda dan innega li kien messu. Jghid pero' li kienet waslitlu nformazzjoni li l-lifter kien qieghed il-Kalkara ghand Nigel.

Mistoqsi jekk jaghrafx lil dan Nigel ix-xhud gharfu u ndika lill-imputat. Mistoqsi mbaghad x'ghamel bl-informazzjoni li kien ircieva jghid li kien informa lill-pulizija u l-pulizija sussegwentement irritornatlu dan l-istess fork lifter Caterpillar. Ikkonferma li kellu zewg pjanci fuqu wkoll. Gie mitlub mill-Qorti biex jiccara ghand min kien semmieh u x-xhud qal li kien Nigel. Jghid li l-pulizija ma kellhomx fejn izommuh u ghalhekk tawuhulu mill-ewwel. Mitlub jispjega mbaghad x'gara wara x-xhud spjega li xejn imbaghad mar il-Kalkara fejn Smart City fejn il-*gate* biex gab il-low loader, u hadu ghax dan mhux oggett li jigri bih fi triq. Huwa spjega li dawn mhux bin-numri jkunu, u cioe' dawn huma ghodda li mhumiex irregistrati li jigru fi triq. Huma wiehed ghandhom tat-triq. Wara jaf li spiccaw kolha l-Ghassa u Nigel beda jghidlu li l-Maniklu qallu biex jiehu l-fork lifter minn fejn kien. Il-Maniklu huwa Manuel Busuttil, u Nigel qal li dan Busuttil kien tahulu.

Mistoqsi jekk meta halla l-lifter ghand il-mekkanik halliehx fil-garaxx tal-mekkanik wiegeb li ghand Mario hallieh fuq barra, dan ma dahlux fil-garaxx u ma kienx jiccaqlaq. Gie mistoqsi jekk kienx qed jostakola

x'imkien u x-xhud qal li le ma’ kien jostakola mkien, kien ilu hemm sena.

In kontro ezami qal li kien hu stess li nforma lill-pulizija li l-fork lifter kien qieghed il-Kalkara u qal ukoll li kien hadu ghaliex kien qallu l-imghallem tieghu sabiex jaghmel hekk. Gie mitlub jispjega x’kien qal bl-ezatt l-imghallem ta' Nigel, dan qallu li l-Maniklu qallu biex jghinu biex jistartjah imbaghad qallu hudu. Gie mistoqsi jekk hux biex jghin lill-imghallem jew biex jghin lil Nigel u x-xhud wiegeb le, il-Maniklu. Mistoqsi jekk spjegawlux ghaliex qallu hudu, jekk biex juzah imbaghad jerga' jgibu, ix-xhud wiegeb li ma spjegawlux le. Gie mistoqsi jekk Nigel kienx jaf li l-fork lifter hux tieghu wiegeb li sa fejn jaf hu kien jaf ghaliex il-fork lifter kien ikun ipparkjat quddiem il-garaxx tieghu. Mistoqsi meta beda jahdem hemm wiegeb li kien beda f’Mejju. Qal li bdew jahdmu hemm *at full capacity* fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju imma mbaghad hallew garaxx minnhom li zarmawh bil-mod ghax kien fih il-magni. Gie mistoqsi jekk Nigel jahdimx f'dak il-kumpless ta' garaxxijiet huwa wiegeb li faccata taghhom zewg (2) garaxxi l-fuq, jigifieri fl-istess *area*. Mistoqsi jekk lil Nigel jafux minn qabel dan l-incident ix-xhud wiegeb li jafu.

Mistoqsi  kif jaf li dak il-forklifter huwa taghhom ix-xhud spjega li l-forklifters li hemm huma kollha taghhom. Mistoqsi jekk hemmx xi tabella x-xhud qal li le u dan inzerta wkoll li ma huwiex sprejnjat, l-ohrajn kollha ghandhom marka Jack Steel imwahhla maghhom.

Spjega li l-fork lifter in kwistjoni ma kienx f'kundizzjoni tajba tant li kien bla pjanci. Mistoqsi x'kien hemm bzonn biex jistartjah ix-xhud spjega li zewg (2) *batteries*. Ikkonferma li ghalkemm il-fork lifter kien ghand il-mechanic dan kien jinzamm barra fil-komun.

In ri-ezami gie mistoqsi jekk halliex *batteries* fuq il-lifter u x-xhud qal li le. Mistoqsi jekk fl-*area* hallewx xi *batteries* biex ikunu jistghu jwahhluhom ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Gie mistoqsi jekk fuq il-post kienx hemm *batteries* minn taghhom ix-xhud qal li le, huma ma jhallux *batteries* barra ghax ma ssibhomx. Qal li ma jafx x'ghamel il-mekkanik ghalkemm jghid li ma jahsibx.

Illi nhar l-14 ta' Mejju, 2014 xehed **Gledwin Borg** u spjega li jiftakar li darba fost l-ohrajn kien jum il-Hadd, kien id-dar u kien cempillu t-tifel tal-kugin tieghu Nigel Borg li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern. Staqsieh biex imur jghinu biex jghabbi kaxxa tal-hadid li kienet tqila. Qallu li missieru kien qieghed Ghawdex, gie ghalih u marru fejn huwa kien qed inaddaf il-garaxx. Il-post huwa maghruf bhala Ta' Maggi. Jaf li dak il-hin fil-garaxx kien hemm ragel qed jiknes u l-imputat dar fuq dan ir-ragel u qallu li gab l-ghajnuna sabiex jghabbu din il-kaxxa tal-hadid u dak il-hin l-iehor qallu li ser jistartjalu l-lifter in kwistjoni u l-lifter ma startjax.

Imbaghad Nigel Borg dar fuq dan ir-ragel qallu ha jgib il-batterija tieghu ghax hija kbira, ghaliex Nigel Borg kellu van u jaf li l-battery

tieghu tkun ikbar ghax tkun tad-*diesel*. Spjega illi Nigel Borg imbaghad zarma l-*battery* minn gol-vann tieghu, hadha lil dan ir-ragel li kien qed jiknes biex huwa jista' jqabbad il-lifter u l-lifter startja.

Wara li startja l-lifter halla l-lifter startjat, nehha l-*battery* u rega' poggiha fil-vann tieghu. Ressaq il-vann tieghu ghan-nofs u l-iehor lil Nigel staqsieh jekk huwa jsuqux il-lifter u qallu iva. Dan ir-ragel flimkien mieghu u ma' Nigel Borg ghabbew il-kaxxa billi Nigel qabad din il-kaxxa bil-lifter u ghabbewha fuq il-vann u bdew jorbtuha.

Mistoqsi x'kien hemm f'din il-kaxxa tal-hadid jghid illi xejn kienet kaxxa vojta tal-hadid. Qabdu din il-kaxxa fuq il-van u huwa kien sejjer flimkien ma' Nigel Borg. U dak il-hin dak ir-ragel qallu lil Nigel Borg li l-lifter jista' jiehdu wkoll u jqattghu ghall-hadid u Nigel wiegbu O.K.

Huwa tela' fil-vann ta' Nigel biex isuqu 'l hemm u Nigel rikeb fil-lifter biex isuqu 'l hemm. Huwa dar fuq dan ir-ragel u qallu "issa jekk jieqaf x'naghmel?", qallu tiehux hsieb qallu biex icempillu u jmur jistartjahulu. Dan ir-ragel kitiblu n-numru fuq bicca kartuna u l-kartuna hallieha fil-vann. Marru f'post fejn il-bieb tal-ghalqa x-Xghajra stess u hallew il-lifter hemmhekk rikeb fil-vann u marru lura d-dar u waslu d-dar.

Mistoqsi mill-Qorti jekk regghax ra dan il-lifter spjega illi le ma rahx u lanqas dak ir-ragel li kien qed jiknes ma' rega' ra. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx x'jismu dan ir-ragel li kien qed jiknes wiegeb li m'ghandux idea lanqas x'jismu. Mistoqsi minn kien effettivament startja dan il-lifter spjega li kien dan ir-ragel li kien qed jiknes. Imbaghad jaf illi l-imputat gablu l-*battery* biex jghinu jistartja u filfatt startja u Nigel telaq bih.

Mistoqsi jekk intuzawx xi cwievet biex tqabbad dan il-lifter spjega illi le ma jidhirlux. Huwa ma jafx ezattament kif qabdu dan il-lifter pero' jaf illi kienu qeghdin jinnavigaw fil-*wires*. Mistoqsi kif hadu l-lifter fl-ghalqa ta' Nigel spjega li saqu Nigel u huwa saq warajh bil-vann ta' Nigel. Spjega illi ghalih il-lifter kien tajjeb ghall-hadid. Pero' mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk effettivament instaqx spjega li iva nstaq ghalkemm beza' li ser jieqaf mat-triq. Il-persuna li qaltilhom biex jiehdu l-lifter ma tahomx cavetta tieghu qalilhom li jistghu jiehduh. Huwa ma kellmux u ma staqsiehx jekk il-lifter hux tieghu. Huwa lanqas jaf ta' min hu l-lifter.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li effettivament kien dak ir-ragel li kien qed jiknes li pprova jistartja l-fork lifter bil-*wires*. Dan ir-ragel rah qed jiknes fil-garaxx u haseb li l-garaxx huwa tieghu.

Mistoqsi ta' min kienet il-kaxxa jew il-fork lifter spjega li ma jafx. Spjega illi l-kaxxa tahielu dan ir-ragel lil Nigel biex jarmiha ghall-hadid u huwa fehem illi dan ir-ragel tah il-fork lifter lil Nigel biex jarmih ghall-hadid. Dwar min kien is-sid ta' dan il-lifter huwa ma jafx ghax ma ssemma' xejn u ma qallux u ma staqsiex.

Illi nhar it-12 ta' Gunju, 2014 xehed **Mario Cutajar** u spjega li huwa jaghmel tiswijiet fil-karozzi u jaghmel xi xoghol tal-inginerija u spjega illi fil-fatt il-garaxx tieghu jinstab Ta' Maggi Industrial Park, Haz-Zabbar. Jiftakar xi zmien ilu kien mar ikellmu Adolph Baldacchino u talbu biex jaghmillu xi tiswijiet fuq Fork Lifter. Qallu li effettivament kien matul il-gimgha u ma setghax jahdimhielu pero' qallu li kien lest li jibda s-Sibt u kien lest li jlesti dan ix-xoghol sat-Tlieta ta' wara. Fil-fatt kien beda jahdem fuqu l-Hamis jew il-Gimgha u kien irrangalu sahansitra anke l-isteering tieghu pero' jaf li kellu jiehu xi *parts* mieghu t-Tnejn biex ikomplih.

Spjega li l-Fork Lifter kien faccata fejn jahdem Adolph Baldacchino. Mistoqsi kif kien jistartja dan il-Fork Lifter spjega li effettivament kien tah ic-cavetta u qallu f'idejh. Mistoqsi jekk jistax jistartja bla cavetta dan il-Fork Lifter spjega li iva jista' fis-sens li taqta' il-*wires* u taghmel il-*connection*. Fil-fatt jiftakar li l-ahhar gurnata li hadem fuqu kien caqlaqlu biex jiccekkja li l-isteering kien irrangah sew imbaghad rega' ipparkjah fl-istess post.

Meta huwa staqsa ghaliex il-Fork Lifter ma kienx ghadu hemmhekk qalulu li Adolph kien telaq u mar f'xi fabbrika ohra proprju dak il-gimgha stess. Huwa kien sab fejn mar jahdem pero' ma kienx hemm kien hemm is-segretarja tieghu u qaltlu li appena jigi kien se jcempillu.

Mistoqsi jekk effettivament il-Fork Lifter kienx barra t-triq spjega li kien ipparkjat fil-kumpless. Spjega li l-kumpless ghadu mhux komplut u bhala *security* hemm kancell. Suppost l-ahhar wiehed li johrog mill-kumpless jaghlaq ix-xatba warajh pero' tant hi tqila li biex jaghlqu difficli ghalhekk mhux dejjem jinzamm maghluq.

Huwa kien ilu jahdem Ta' Maggi xi sena u nofs u kien ilu jarah hemm xi sena u nofs. Jghid li fil-fatt ma' genb dan il-hajt kien dam zmien mhux hazin. Jghid li l-fork lifter kien qed jintuza fi *scrap yard* u ghalhekk spjega li fil-fatt mhux se joqghodu jahsluh u hekk. Jghid li fil-fatt kien intuza ghaliex kienu jpoggu l-affarijiet go pressa tal-hadid u kien igorrhom. Mistoqsi jekk jafx l-imputat wiegeb li jafu u qal li huwa jahdem bhala *sprayer* ma' wiehed f'Ta' Maggi stess. Huwa kien jaf lil Nigel Borg xhur sew qabel ma gie nieqes il-Fork Lifter. Ma jafx ezattament kemm kien ilu jafu pero' kien ilu jafu qabel ma nsteraq il-Fork Lifter. Hemmhekk biss kien jafu u qal li Nigel Borg huwa l-imputat prezenti fl-Awla.

Illi nhar l-1 ta' Lulju, 2014 xehed l-imputat **Nigel Borg** u spjega li jiftakar li kien jum is-Sibt meta huwa kien qieghed fuq xoghol ma' Frans Saliba fl-*Industrial Estate,* Ta' Maggi u qallu li kien hemm garaxx li xtaqu jizbarazzawh minn xi *scrap* ta' xi hadid u affarijiet bhal dawn u qallu biex imur jurih fejn qieghed ghax il-garaxx hawn miftuh u qallu biex inaddafulu ghaliex sid il-garaxx xtaq jikrih.

L-ghada mar ghabba fuq il-vann l-affarijiet li kien hemm u peress li ma kellux boghod mill-ghalqa tieghu ghall-garaxx in kwistjoni u ghamel l-ewwel vjagg ghabbieh u mar zvojtah fl-ghalqa tieghu. Rega' mar ghat-tieni vjagg u kien hemm xi bieb ta' garaxx tal-hadid u rega' mar bih l-ghalqa. Imbaghad kien ghad fadal l-ahhar kaxxa bil-hadid u kien hemm mejda u kienet tqila biex jerfaghha wahdu din il-mejda u cempel lill-kugin ta' missieru sabiex imur itih daqqa t'id. Dan huwa Gledwin Borg jew Godwin ghax m'huwiex cert x'jismu. U hu qallu li m'hemmx x'taghmel ghalkemm kien il-Hadd mar jghinu xorta u marru biex jghabbu din il-kaxxa u haseb li ha jkun bil-lest. Huwa mar hemmhekk u sab ragel inaddaf il-garaxx u haseb li kien il-Maniklu li jismu Emmanuel Busuttil. Qallu li kien lest biex jghabbu l-*lifter* li kien faccata u qallu li kien gab il-*jumping leads* biex jistartja l-*fork lifter*. Il-*lifter* fil-fatt ma qabadx ghaliex kien ilu hemm zmien u kien jidher qisu ghall-*iscrap*. Fil-fatt huwa baqa' iccassat meta qallu li kien ha jistartjah. Qallu li bil-*jumping leads* ma jridx jistartja u ghalhekk talbu biex igib *battery* u qallu li kien lest jaqla' il-*battery* tal-vann u jistartjawh biha. Refa' il-*battery* tal-vann tieghu u fl-ahhar dan il-*fork lifter* startja. L-imputat jaf illi pero' ma startjahx bic-cavetta.

Staqsieh jekk jafx juzah u qallu li kien jaf u ghalih kienet haga tajba ghaliex kien ghadu kif dar il-vann tieghu u beza' li fil-fatt ikissirlu l-kaxxa jew hekk. Spjega illi dan il-*fork lifter* lanqas *seat* ma kellu. Tela' fuqu beda jsuqu, il-*lifter* kien faccata tal-garaxx ezatt, li jigi tul ta' din il-kamra. Dahal, qabad il-kaxxa, harigha 'l barra, dawwarha u beda jzommielu dan il-Maniklu u l-kugin ta' missieru u ghabbewha fil-vann. Huwa qallu biex inaddaflu quddiem il-bieb ukoll. Qallu li l-*lifter* seta' jiehdu u qallu li seta' jaghmel li jrid bih u effettivament qallu wkoll li seta' jqattghu ghall-hadid. U jekk m'huwiex sejjer zball dak il-hin stess ta n-numru tieghu lil kugin tieghu biex jekk jinqalalhom xi haga mat-triq icemplulu. Rega' qalalu l-*battery* biex jistartja l-vann tieghu u meta taqlaghlu l-*battery* jibqa' jahdem xorta wahda ghaliex antik u ghalhekk qal lill-kugin tieghu biex imur warajh bil-vann u filfatt hadu l-ghalqa li tinsab erba' passi 'l boghod.

L-ghada jaf li mar Adolph li jahdem hemmhekk u li wkoll jarmi xi *scrap* u sab lill-imputat u lil Frans hemmhekk u staqsew lill-imputat jekk kienx ra l-*lifter* ghand xi hadd u huwa dar fuq Frans u qallu mela l-*lifter* huwa tieghu? Dak il-hin Frans qallu li lanqas hu ma kien jaf li l-*lifter* kien tieghu u dan ghaliex Adolph kien ilu li telaq minn hemm xi hmistax (15) il-jum u kien ha kollox mieghu, hlief dan il-*lifter*. U fil-fatt kif qallu l-Maniklu lanqas kien jaf li dawn l-affarijiet jappartjenu lil haddiehor. L-imputat haseb li effettivament kienu tieghu. Dak il-hin huma wegbuh li l-*fork lifter* kien qieghed ghandu. Imbaghad

sussegwentement kienu marru l-Ghassa ghax ir-rapport kien lahaq sar imbaghad bdew icemplu lil dan Maniklu.

Mistoqsi kemm kien ilu jara l-*fork lifter* ipparkjat wiegeb li kien ilu hemm minn Jannar tas-sena ta' qabel u Frans l-imghallem qallu li kien ilu hemm ukoll. Dan il-*fork lifter* ma kellu xejn la *number plates,* la *seats* xejn u ma setghax jahdem bih u hu qatt ma ra lil hadd jahdem bih, la lil Adolph u lanqas il-haddiema tieghu.

L-imputat stqarr illi ma' Emmanuel sive Maniklu ma kellux kunfidenza mieghu hu. Huwa sar jafu meta f'dik il-gurnata kien qed jiknes fil-garaxx u huwa sar jaf li effettivament huwa Emmanuel Busuttil mindu kellhom il-kaz.

Huwa kkonferma kif effettivament qal fl-istqarrija tieghu, illi Maniklu beda jfittex ic-cavetta tal-*lifter* qabel ma' gab il-*jumping leads.*

Mistoqsi jekk rahiex stramba li bniedem itih *lifter* bla ma jhallsu spjega illi le ma rahiex stramba fil-fatt huwa kien zvojtalu wkoll il-garaxx mill-imbarazz u fil-fehma tieghu dan il-*lifter* kien ukoll tajjeb ghall-*iscrap*. Ghalkemm huwa minnu li l-*lifter* hadem u hadmu bih.

L-imputat kien ukoll irrilaxxja stqarrija a tempo vergine ta' l-investigazzjoni. F'din l-istqarija jghid li kien Manwel Busuttil mgharuf bhala il-Maniklu li kien ikkuntatja lill-imghallem tieghu sabiex isiblu lil xi hadd sabiex jigborlu lil xi hadd u dan Francis Saliba, l-imghallem tieghu kien staqsa lilu. Qal li kien jum il-Hadd meta kien mar f'dan il-garaxx li kien gie ndikat lilu, liema garaxx kellu l-bieb miftuh u ghabba vjagg hadid u mar bih fl-ghalqa tieghu, wara rega' ghamel it-tieni vjagg u wara mar sabiex jaghmel it-tielet vjagg peress li kien ghad fadal kaxxa kbira x'jghabbi. Qal li talab lil kugin ta' missieru certu Gledwin Borg sabiex jghinu peress li din il-kaxxa kienet kbira. Jghid li meta wasal fuq il-post sab lil Maniklu jiknes il-garaxx u jghid li din kienet l-ewwel darba li kellem lil din il-persuna. Qal li dan il-Maniklu qallu sabiex jistartja l-lifter biex jghabbu l-kaxxa. Manwel gab il-vann Toyota biex jipprovja jistartja l-lifter bil-leads izda ma rnexxielux peress li l-*battery* li kellu kienet wahda zghira. Dan il-hin il-Maniklu qallu sabiex jipprova jiddobba *battery* u dak il-hin ressaq il-battery tal-vann tieghu. Dan Maniklu qabbad zewg wires u qabdu. Jghid li huwa ma jifhimx pero' kien hdejh u rnexxielu jistartjah. Dak il-hin il-Maniklu kien ser jitla' fuqu u staqsih jekk jafx isuqu u wiegbu fl-affermattiv u talbu sabiex isuqu hu u jerfa' l-kaxxa hu ghaliex kien ghadu kemm dar il-vann u ma riedx ikissru. Qabad il-kaxxa bil-fork lifter u ghabbiha fuq il-vann tieghu waqt li l-kugin tieghu u dan Maniklu izommuha sabiex ma ssirx hsara. Manwel qallu sabiex inaddaflu quddiem il-garaxx u qallu sabiex jiehu l-lifter u jaghmel xi z... irid bih u jekk irid iqattghu ghal hadid. Huwa talab lill-kugin isuq il-vann ghal warajh u saq il-lifter u hadhom l-ghalqa tieghu.

Jghid li in segwitu mar Adolph fuqu u staqsa ghal lifter u dak il-hin stess qallu li kien ghandu. Adolph staqsieh ghaliex kien ghandu u min qabdu biex jiehdu u dan il-hin qallu li kien qabdu il-Maniklu. Fil-fatt minnufih ghadda l-lifter lura lil Adolph. Jghid li lill-Maniklu ma staqsihx ta' min kien il-lifter ghaliex haseb li kien tieghu. Jghid li lil Adolph qatt ma rah jahdem bih dejjem rah ipparkjat faccata tal-garaxx ta' Maniklu. Jghid li suspett ma kellux ghaliex il-Maniklu beda jfittex ic-cwievet u meta ma sabhomx startjah bil-wires. Cahad li kien hu li startja l-lifter u cahad l kien jaf li l-lifter kien ta' Adolph. Mhux veru li Manuel kien min ghalih li ha l-lifter sabiex ihott il-kaxxa ghaliex insista li Manuel qallu li kellu jehilsu mill-imbarazz u jaghmel li jrid bil-lifter. Jafferma li ghalih il-lifter kien ta' Maniklu ghaliex kien hu li talbu sabiex jiehdu 'l hemm.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-10 ta' Jannar 2014 (fol. 47) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fid-29 ta' Lulju 2014 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara wara li l-Prosekuzzjoni stqarret li ma kellhiex provi ohra xi tressaq li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita u l-partijiet fl-istess seduta talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok. Issa qabel mal-Qorti sejra tiddiskuti l-elementi ta' dan ir-reat sejra tiddeskrivi l-aggravji tar-reat u dan ghaliex minnufh jirrizulta n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Dwar l-aggravju tal-lok il-Qorti taghmel referenza ghall-**Arikolu 269 tal-Kap 9** li jiddisponi s-segwenti:-

*"Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir –*

*(a) f'lok pubbliku li qiegħed għall-qima t'Alla;*

*(b) fl-awli li fihom il-qorti toqgħod u waqt is-seduta tal-qorti;*

*(ċ) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;*

*(d) f'maħżen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok ieħor ta' depożitu jew ta'rahan li qiegħed għall-kumdità tal-pubbliku;*

*(e) fuq bastiment jew biċċa oħra ta'  fuq il-baħar li jkunu rmiġġati;*

*(f) fil-ħabs jew f'lok ieħor ta' kustodja jew ta' piena;*

*(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha."*

Issa jidher mis-suespost li semmai s-serq sar minn triq quddiem garaxx gewwa Industrial Estate Xghajra Zabbar. L-unika sub-inciz li

potenzjalment jista’ japplika huwa s-sub inciz ‘c’ pero’ l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova sabiex tindika li l-post minn fejn allegatament gie misruq il-fork lifter kien xi triq fil-kampanja jew il- barra mill-abitat. Is-sub-incizi l-ohra zgur ma japplikawx ghal kaz in ezami u ghalhekk dan l-agravju zgur li ma jirrizultax.

Dwar l-aggravju l-iehor u cioe’ dak tal-valur il-Qorti hawnhekk ukoll taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe’ l-**Artikolu 267 tal-Kapitolu 9** tal-ligijiet ta’ Malta li jiddisponi s-segwenti:-

**“***Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)”.*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda stima dwar il-valur tal-fork lifter u anqas ma gie nominat xi espert fil-mori tal-kawza sabiex jigi stabilit il-valur tieghu u ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali prova dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax.

Issa dwar ir-reat ta’ serq perse jinghad li jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta’ serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista’ *prima facie* tidher facili u ta’ intelligenza vulgari, mandankollu, r-reat ta’ serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali.

Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe' taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe' tar-reat kontra l-proprjeta' ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-**Manzini** -

*"l'oggetto generico della tutela penale* (b'referenza ghal dan ir-reat) *e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio."*

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw id-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-**Programma Speciale** vol IV para 2017 - vide Appell Kriminali - 09/12/44 (Vol XXXII(e) IV/814 ***)*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti.**

Il-**Carrara** jghid:

*"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. il-contractatio tal-haga,

2. li tappartjeni lil terzi,

3. maghmula b'mod frawdolenti,

4. minghajr l-kunsens tas-sid, u

5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissussisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti *sine qua non* biex jigi ppurvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *animo di farne lucro.* Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia.*

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale,* kif jghid **Manzini** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriijazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza **Il-Pulizija v S.**

**<u>Pisani</u> -** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intuwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista' jkun prezunt, u allura l-*buona fede* ta' l-awtur tal-*contracetatio* teskludi r-reat. Bil-kelma *lucro* wiehed m'ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew komodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid:

*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Fissati dawn il-kriterji jista' wiehed jghaddi b'certu grad ta' sikurezza biex jezamina l-kaz ta' kull imputat fid-dawl tas-suespost.

Ix-xhieda ta' l-imputat ghandha timmerita li tigi *quod factum* emmnuta bhala genwina. Il-*punctum saliens* ta' din il-kawza jikkonsisti fir-rekwizit ta' l-*animus - lucri faciendi causa.* In-necessita tal-konkors ta' dan ir-rekwizit gej minn zminijiet l-aktar antiki. Fid-definizzjonijiet li nghataw dwar reat

ta' serq mill-aqwa guristi kontinentali dejjem jirrikorri ghal dan ir-rekwizit. Hekk fid-definizzjoni tal-**Carrara,** tal-**Guiliani** u tal-**Carmignani** bil-kliem *con animo di lucrare* jew *con animo di trarne lucro* jew *con animo di farne lucrare* rispettivament.

Jghid l-istess **Carrara** -

*"il dato specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uzo della cosa altrui"* (progr. Pt. Speciale vol IV para 2035).

L-istess jghid il-**Crivellari** -

*"l'elemento intenzionale del furto non si costruisce gia col solo animo di prendere, ma coll'animo di lucrare"* (opera Codice Penale Vol VIII pg 19 Comm. art. 40-405).

Jista' jinghad ukoll li l-element intenzjonali specifiku tar-reat ta' serq minbarra d-dolo generiku tal-*conscientia sceleris* huwa l-*lucri causa* ossia *animus furandi* ossia *the fraudulent intention at the time of taking permanently to deprive the owner thereof* imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia.*

Illi fil-kaz in dezamina l-imputat ighid li huwa kien ghax-xoghol normali gewwa l-Indusrial Estate Ta’ Maggi Haz-Zabbar meta l-imghallem tieghu Frans Saliba staqsih jekk kienx lest li jizbarazza garaxx mill-hadid li kien hemm u dan fuq domanda ta’ sid l-istess garaxx Adolph Baldacchino. L-imghallem qallu li seta’ jmur meta ried ghaliex il-bieb tal-garaxx kien ser ikun miftuh. Huwa accetta li jaghmel dan l-inkarigu u mar sabiex jaghmel il-vjaggi relattivi sabiex igorr l-imsemmija hadid. Jghid li fuq il-post sab pesuna li kienet qed tiknes il-garax u jidher li kien hemm certu ghaggla ghaliex sid il-garaxx kien sab xi kirja ghalih. L-imputat ghabba zewg vjaggi hadid u hadhom fl-ghalqa tieghu l-Kalkara u mar sabiex jghabbi t-tielet vjagg u jghid li kien hemm kaxxa tqila hafna u kellu bzonn l-ghajnuna u ghalhekk cempel lill-kugin ta’ missieru certu Gledwin Borg u talbu itih daqqa t’id.  Dan accetta minkejja li kien jum il-hadd u mar ghalih. Meta waslu fil-garaxx kien hemm persuna ohra Emanuel Busuttil mgharuf bhala l-Maniklu li l-imputat ma kienx jaf li kien qed jiknes u dan qallu sabiex juzaw il-fork lifter li kien hemm abbandunat barra il-garaxx sabiex jerfghu l-kaxxa tqila tal-hadid.  Busuttil mar ifittex ic-cavetta tal-fork lifter pero’ ma sabiex u qal lill-imputat sabiex jistartjawh bil-jack leads u ghalhekk ghamel il-vann tieghu vicin pero’ xorta dan ma startjax ghaliex il-*battery* tal-vann ta’ Busuttil ma kinitx kbira. In segwitu ghalhekk Busuttil talbu sabiex igiblu l-battery tal-van tieghu (tal-imputat) u peress li kienet kbira u aktar qawwija l-fork lifter startja. Huwa nehha l-battery u rega’ poggiha fil-vann tieghu, saq il-fork lifter sabiex jghabbi l-kaxxa u l-kugin tieghu telaq bil-vann tieghu bil-kaxxa mghobbija fuqu. Dan Busutil qal lill-imputat u mhux kontestat minn Busuttil sabiex jiehu l-fork lifter ukoll ghaliex kien imbarazz u ghalhekk l-imputat telaq bih. Jinghad li dan il-fork lifter fil-fatt kien ghand il-mekkanik ghaliex kellu l-hsara u kien wiehed antik li jintuza fi

scrap yard u li kien dejjem ipparkjat barra t-triq. Jinghad ukoll ghaliex jirrizulta mill-provi li dan ma kellux seat u lanqas pjanci.

Meta l-imputat gie mistoqsi a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe' meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu jekk kienx jaf min hu sid dan il-fork lifter wiegeb li ghalih kien Emanuel Busuttil il-Maniklu li kien qallu sabiex jiehdu lil hemm ghaliex kien imbarazz. Dan il-kliem gie kkonfermat ukoll minn Gledwin Borg kif ukoll mill-Maniklu stess. L-imputat fil-fatt jghid kif del resto qal ukoll Borg li ghalihom sid il-garaxx kien Busuttil li kien qed jiknes u jaghti l-ordnijiet. Jinghad li Adolf Baldacchino s-sid proprju tal-garaxx lanqas biss indenja ruhu jiltaqa' mal-imputat qabel ma tah dan l-inkarigu izda kollox sar tramite s-servizz ta' Saliba. Meta effettivament l-ghada jew jumejn wara Adolph mar il-garaxx ghand Saliba u qallu li kienu serqulu l-fork lifter fil-pront l-imputat qal li kien qieghed ghandu u ghalhekk ma heba xejn u kien genwin f'dak li qal. Jinghad ukoll li minnufih irritorna dan il-fork lifter. Ghalhekk in vista tal-fatti suesposti zgur li ma jirrizultax l-intenzjoni kif spjegata aktar il-fuq li l-imputat kellu l-intenzjoi kriminuza li jiehu xi haga li tappartjeni lil terzi sabiex jaghmel qliegh minnha. Anzi addirittura jirrizulta li l-imputat ha l-fork lifter sabiex jaghmel pjacir li dan Busuttil sabiex jizbarazzalu l-garaxx sabiex ikompli jiknes u jnaddflu. B'hekk ir-reat ta' serq ma jirrizultax provat.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' ir-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-**Artikolu 334 tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza

moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Joseph Bugelli** datata 24 ta' Jannar 1941 fejn gie ritenut li:-

*"Ir-ricettazzjoni tikkonsisti f'att posterjuri ghad-delitt tas-serq jew reat iehor kontra l-proprjeta' u hija delitt ghalih u ma tirrivestix il-karattri tal-komplicita.*

*L-elementi tar-ricettazzjoni huma-*

1. *Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta.*
2. *Li l-persuna akkuzata bhala ricettatur tkun irceviet jew xtrat l-oggett provenjenti minnu dak id-delitt jew b'xi mod indahal biex tezita jew tbiegh dak l-oggett. (It-tieni element jikkostitwixxi l-element materjali tar-ricettazzjoni.)*
3. *Li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza l-element materjali tar-ricettazzjoni.*

*Imma biex ikun hemm dak l-element hemm bzonn li l-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkoopera ruhhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Jekk l-atti tieghu ma jurux illi kien hemm dik l-intomissjoni da parti tieghu biex b'xi mod jigi facilitat l-okkultament ta' l-oggett misruq jew illegittimament ottenut dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija minn dik l-istess Qorti Kriminali tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs John Dimech** deciza fl- 24 ta' Gunju 1961 fejn inghad b'referenza ghall-element ta' intenzjoni li:-

*"Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien legittimu u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-element tax-scienter rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat u ta' ricettazzjoni."*

Illi fil-kaz in ezami l-imputat ma rcieva xejn. Kien hu stess li ha pussess tal-oggett u cioe' l-fork lifter pero' spjega b'mod sodisfacjenti l-manjiera tal-akkwist tieghu. Il-Qorti thoss li l-ispjega moghtija mill-imputat a tempo vergine kif konfermata minnu aktar tard il-Qorti u kif korroborata mix-xhieda kollha tal-Proskeuzzjoni stess tiddikjara li r-reati moghtija fil-konfront tieghu ma jirrizultawx.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 261 (c) u (e), 267, 269, 279(b), 280 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma issibx lill-imputat NIGEL BORG hati tal-akkuzi kif moghtija mill-Prosekuzzjoni u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------